MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 72/1995/1

**Dr. Toni Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta'` Kummercjali Valhmor Borg Import/Export Ltd**

**Vs**

**Paul Mintoff**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta'` attrici ppremettit illi

Premess illi l-attur nomine avvanza lill-konvenut s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltija (Lm5,500)

permezz ta’ skrittura datata 10 ta’ Lulju, 1992 li qeghda tigi unita bhala dokument “A”;

Premess illi kif ser jigi ppruvat fil-kors ta’ din il-kawza l-konvenut ghad baqalu jhallas il-bilanc ta’ elfejn hames mija u tnejn u ghoxrin lira Mltija u wiehed u erbghin centezmu (Lm2,522.41);

Premess illi dan l-imsemmi ammont gie kemm-il darba mitlub lill-konvenut, pero` dan dejjem baqa` inadempjenti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundannah ihallas lill-attru is-somma ta’ Lm2,522.41 bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’` attrici a fol..2 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.. 10 tal-process fejn jeccepixxi:**

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li (1) l-eccipjent mhux talli m’ghandu jati xejn lis-socjeta’` attrici izda talli ghandu jiehu; u (2) l-ammonti reklamati mis-socjeta’` huma dovuti minn terzi u mhux mill-eccipjent;

Illi ghal kull buon fini, l-eccipjent m’huwiex ser jopponi jekk is-socjeta’` attrici taghzel li ssejjah fil-kawza lit-terzi fuq imsemmija.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta’ l-attur;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skond l-attur noe l-konvenut kien iffirma ftehim Dok A a fol. 4 li bih is-socjeta'' attrici kienet avvanzat is-somma ta' Lm5,500 lill konvenut permezz ta' *cheque* Dok MM1 a fol. 32 biex dan ikun jista' jixtri prodotti minghandhom bhala *salesman* u jbieghhom lill kljenti tas-socjeta'' attrici. Hu kien qed jopera *on commission basis*. Eventwalment dan il-ftehim gie terminat u saru l-konteggi biex jigi determinat x'kellu jaghtihom il-konvenut. Sar *stock taking* tal-prodotti li l-konvenut kien fadallu fil-pussess tieghu li kien jammonta ghal Lm1,996.43 u li l-konvenut qabel mieghu. Ghalhekk il-konvenut kien fadallu jaghti Lm3,503.57 (ara Dok MM2 sa MM12 fol. 34 et seq). Minn dana l-ammont huma naqqsu s-somma ta' Lm2,173.08.3 li l-konvenut kien halla barra (ara fol. 45 Dok MM 14). Is-socjeta'' attrici kienet gabret direttament dan l-ammont minghand il-kljenti minflok il-konvenut. Irrizulta pero' li minnhom zewg ammonti ta' Lm218.18 u Lm58.46 kienu thallsu direttament lill konvenut u li ma ghaddiex lis-socjeta'' attrici (Dok MM15 u 16 a fol. 46 u 47). Ghalhekk proprjament l-ammont li ngabar minghand il-klijenti kien ta' Lm1,889.44 u konsegwentement il-bilanc huwa ta' Lm1,640.12. Ma dana l-ammont kellhom jizdiedu s-segwenti ammonti cjoe Lm710.57; Lm848.38 u Lm104.55 Dok MM 17 sa MM 22 (fol. 48 et seq) li l-konvenut ma kienx gabar mill-kljenti li jwassal ghall-ammont ta' Lm3,267.62. Minn dana l-ammont iridu jitnaqqsu l-ammonti ta' Lm476.73 u Lm267 li jirrapprezentaw il-paga bit-*terminal bonus* u beneficcji kollha li kienu dovuti lill konvenut (MM23-24 a fol. 54 u 55) u merkanzija konsenjata lill klijent taghhom. Ghalhekk l-ammont finali dovut huwa ta' Lm2,523.89 (ara affidavit ta' Martin Meli a fol. 27).

Il-konvenut qed isostni li meta gie terminat il-ftehim hu kien irritorna l-istock li kellu fil-pussess tieghu u halla bilanc zero.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li meta sar li *stock taking* kien baqa' bilanc li kellu jithallas lis-socjeta'' attrici mill-konvenut konsistenti fi flus li l-konvenut ma kienx ghadu gabar qabel gie terminat il-ftehim; *cheques* li kienu f'idejn il-konvenut; flus li thallsu direttament lill-konvenut u li ma gewx mghoddija lis-socjeta'' attrici dan kollu kif dettaljatament spjegat fl-affidavit ta' Martin Meli. Il-konvenut ma gab ebda prova biex jikkontesta dan u l-figuri prezentati mis-socjeta'' attrici.

Il-konvenut qed jghid ukoll li mhux talli m'ghandu jati xejn lis-socjeta'` attrici izda talli ghandu jiehu minghandha. Fil-fatt is-socjeta' attrici rrikonoxxiet li hija ghandha taghti xi ammonti lill konvenut u naqqsithomlu mill-ammont mitlub. Dawn huma Lm476.73 u LM 267 rapprezentanti l-paga bit-*terminal bonus* u beneficcji kollha li kienu dovuti lill konvenut (MM23-24 a fol. 54 u 55) u ta' merkanzija konsenjata lill klijent taghhom.

Eccezzjoni ohra tal-konvenut hija li l-ammonti reklamati mis-socjeta'` huma dovuti minn terzi u mhux minnu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-ftehim bejn il-konvenut u s-socjeta'' attrici kien li l-konvenut kellu jixtri l-prodotti minghand is-socjeta'' attrici bil-flus avvanzati mis-socjeta'' attrici u kellu jbiegh dawn lill klijenti tas-socjeta''. Biex jinghata *credit* lill kljenti kienet necessarja l-awtorizzazzjoni tas-socjeta'' attrici. Il-konvenut kien responsabbili biex jigbor il-flus minghand il-klijenti. Is-socjeta' attrici ma kinitx izzomm dokumenti x'ibiegh il-konvenut lin-nies ghax il-kumpanija kienet taf lill konvenut f'affarijiet ta' debiti. Is-socjeta' attrici kienet taf lill konvenut u mhux lit-terzi lill min ikun biegh. Il-konvenut kull gimgha kellu jaghti rendikont lill kumpanija tal flus li hemm ghand id-debituri.

Il-konvenut semma li kien hemm ammonti dovuti minn Marco Polo li hu ma setghax jigbor ghax dawn ma bdewx

ihallsu u hu baqa jaghtihom *on credit* bil-konsapevolezza tas-socjeta' attrici. Minn naha l-ohra s-socjeta' attrici ssostni li l-ammont li semma l-konvenut rigwardanti Marco Polo qatt ma ssemma qabel ma gie terminat il-ftehim u li l-flus kienu ingabru minnhom wara li gie terminat il-ftehim.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-ammonti dovuti minn Marco Polo ma jidhrux fil-lista MM 14 a fol. 45 li hija maghmula mill-konvenut u l-konvenut ma gab ebda dokument iehor li juri li Marco Polo jidher x'imkien iehor. Inotlre s-socjeta' attrici pprezentat dok a fol. 163 li minnu jirrizulta li ma hemm ebda bilanci dovuti minn Marco Polo lis-socjeta' attrici. L-ammonti gew settled f'*July* 1992 u wara dika d-data sa Dicembru 1992 ma sarx negozju iehor. Dan gie ukoll konfermat minn David Borg fix-xhieda tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici
Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------